MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**MARK CHETCUTI**

Seduta tat-28 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 1001/2009

**Karmenu Mifsud, ezercenti l-kummerc bl-isem**
**Karmenu Mifsud Funeral Services**

**vs**

**Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta u**
**b'digriet tat-13 ta' Jannar 2010**
**l-Awtorita' ghat-Trasport f'Malta**
**assumiet l-atti ta' din il-kawza minflok**
**l-Awtorita' Dwar it-Trasport ta' Malta**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-attur tal-20 ta' Ottubru 2009 li jghid hekk:

1. Illi l-kummerc ezercitat mill-esponent jikkonsisti fl-ghoti ta' servizzi funebri, u tali kummerc jinvolvi wkoll l-uzu ta' karrijiet ossia vetturi tal-mejtin moderni u godda tal-marka 'Mercedes C Class' appartenenti lill-istess esponent;

2. Illi l-esponent kien importa zewg vetturi ghall-garr tal-mejtin matul is-sena elfejn u tnejn (2002). Minkejja li dawn il-vetturi gew importati skond il-ligi u minkejja wkoll li huwa hallas sahansitra l-ispejjez doganali, l-Awtorita konvenuta naqset milli tirregistra dawn il-vetturi u tirrilaxxa d-debiti pjanci tan-numri tar-registrazzjoni. B’konsegwenza l-esponent gie ipprivat mill-uzu kummercjali tal-istess vetturi, u ghalhekk soffra danni;

3. Illi l-esponent adixxa l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta u sussegwentement lill-Onorabbli Kummissjoni ghall-Kummerc Gust billi talab li l-Awtorita konvenuta tigi ordnata tirrilaxxa il-licenzji mehtiega. Din it-talba giet deciza permezz ta’ decizjoni moghtija mill-imsemmija Kummissjoni fil-hamsa (5) ta’ Lulju tas-sena elfejn u erbgha (2004);

4. Illi sussegwentement, l-esponent akkwista u importa erba’ vetturi tal-mejtin ohra godda, u dan matul is-snin elfejn u sitta (2006) u elfejn u sebgha (2007). Minkejja li huwa dejjem osserva ir-regolamenti mehtiega, inkluz dawk fiskali u doganali, l-Awtorita konvenuta irrifjutat li tirregistra dawn il-vetturi, u konsegwentement l-esponent ma setghax jaghmel uzu minnhom;

5. Illi r-rifjut tal-Awtorita konvenuta inghata in mala fede, in kwantu l-imsemmija Awtorita kienet konsapevoli tal-fatt illi l-esponent kien intitolat skond il-ligi li jkollu l-vetturi de quo registrati, u dan senjatament in vista tad-decizjoni moghtija mill-Onorabbli Kummissjoni tal-Kummerc Gust fil-hamsa (5) ta’ Lulju 2004, liema decizjoni kienet tikkoncerna mertu identiku ghal kaz odjern;

6. Illi minkejja li l-Awtorita konvenuta giet interpellata diversi drabi sabiex tottempora ruhha mal-ligi, hija baqghet tippersisti fl-agir illegali taghha;

7. Illi b’konsegwenza, l-esponent kellu ghal darb’ohra jirrikorri ghall-proceduri quddiem l-Onorabbli Kummissjoni tal-Kummerc Gust wara li ressaq ilment quddiem l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta, u dan permezz ta’ l-ilment numru

wiehed tal-elfejn u tmienja (1/2008), bil-ghan li jinghata rimedju skond il-ligi;

8. Illi minkejja l-fatt li l-Awtorita konvenuta ikkontestat it-talbiet tal-esponent kif imwettqa permezz tal-imsemmija procedura, fil-mori l-Awtorita konvenuta intebhet li l-opposizzjoni taghha kienet infondata fil-fatt u fid-dritt, u konsegwentement, matul ix-xahar ta’ Lulju tas-sena elfejn u tmienja (2008) u fl-isfond ta’ azzjoni industrijali mehuda minn operaturi fis-settur tat-trasport, gew rilaxxati l-pjanci bin-numru tar-registrazzjoni tal-vetturi in kwistjoni, liema vetturi setghu ghalhekk jibdew jintuzaw fit-triq mill-esponent;

9. Illi minhabba d-dewmien li sehh fir-registrazzjoni ta’ dawn il-vetturi ghall-garr tal-mejtin, liema dewmien sehh unikament minhabba opposizzjoni ngustifikata u minghajr ebda fondament legali jew fattwali da parti tal-Awtorita konvenuta, l-esponent soffra danni;

10. Illi ghalhekk huwa xieraq u gust li l-Awtorita konvenuta tirrizarcixxi d-danni sofferti mill-esponent;

11. Illi minkejja li giet interpellata ghall-likwidazzjoni u hlas ta’ danni, l-Awtorita konvenuta baqghet inadempjenti, u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant l-esponenti umilment jitlob lil dina l-Onorabbli Qorti joghogobha:

1. tiddeciedi u tiddikjara illi l-Awtorita konvenuta hija responsabbli ghad-danni sofferti mill-attur stante mala fede u eghmil illegali, abbuziv u irragonevoli ezercitat mill-istess Awtorita;

2. tillikwida d-danni konsegwenzjalment sofferti occorrendo permezz tal-opera ta’ periti nominandi;

3. tikkundanna lill-Awtorita konvenuta thallas lill-attur id-danni kif likwidati minnha,

u dan previa kull provvediment iehor li lilha jidhrilha xieraq u opportun.

Bl-ispejjez, inkluz dawk tal-protest gudizzjarju fl-ismijiet hawn fuq premessi u ntavolat fit-tlieta (3) ta' Lulju 2009, u bl-imghax kontra l-Awtorita konvenuta, li hija minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat ir-risposta guramentata tal-Awtorita li tghid hekk:

Id-Difiza
Ir-rikorrent qed jippretendi li l-Awtorita agixxiet in mala fede fil-konfront tieghu, li abbuzat mill-poteri taghha, li agixxiet b'mod illegali u li bhala konsegwenza huwa sofra danni, li ghalihom ghandha tirrispondi l-Awtorita. Ir-rimedju ghal dan it-tip ta' agir hu kontemplat fl-artikolu 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk l-Awtorita qed tirrispondi a bazi tal-presuppost li din hi azzjoni li tressqet taht l-artikolu 469A.

1. L-azzjoni hi perenta, billi t-terminu perentorju ta' sitt xhur ikkontemplat fis-subinciz (3) tal-artikolu 469A ghadda.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-Awtorita agixxiet abbazi ta' policy li giet mwaqqfa mill-Gvern sakemm inbidlet f'Lulju ta' 2008 u ghaldaqstant, jekk kien hemm xi illegalita fil-policy (kwistjoni li hi kontestata mill-Awtorita) mhix l-Awtorita li tirrispondi ghaliha.

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost sabiex tirnexxi din l-azzjoni, ir-rikorrent jehtieg li jipprova (i) il-mala fede tal-Awtorita jew l-agir mhux ragonevoli, illegali u abbuziv taghha; u (ii) id-danni allegatament imgarrba minhabba lallegat agir; (iii) in-ness bejn l-allegati danni u l-kawza ta' dawn id-danni minhabba l-allegat agir tal-Awtorita; u (iv) illi hi qdiet l-obbligu taghha li timminimizza d-danni allegati. Fi kwalunkwe kaz, l-Awtorita tichad li hi hatja ta' kwalsiasi agir in mala fede u/jew illegali u/jew abbuziv u/jew irragonevoli. L-Awtorita tichad ukoll li hi kkawzat kwalunkwe danni lill-atturi.

B'rizerva ghal eccezzjonijiet ulterjori b'mod partikolari, pero mhux biss, f'kaz li l-atturi jiddikjaraw li din mhix azzjoni mressqa taht l-artikolu 469A.

Il-Fatti

1. Fir-rigward tal-ewwel paragrafu tar-rikors guramentat, l-Awtorita m'ghandiex x'tikkummenta.

2. Fir-rigward tat-tieni paragrafu, l-Awtorita tghid illi sa Lulju tal-2008, is-suq ghall-karri funebri kien wiehed maghluq. Fil-fatt sa mill- 1970 f'dan is-suq partikolari kien hemm kwota tan-numru ta' karri funebri li setghu jigu licenzjati. Il-kwota ghal dawn il-tip ta' vetturi kienet ta' ghaxra ghal Malta u tnejn f'Ghawdex u din giet stabbilita mill-ministeru kkoncernat. L-Awtorita dejjem segwiet il-policy tal-kwota li stabilixxa l-Gvern u ddecizjonijiet taghha ttiehdu abbazi ta' dawn il-policies. Il-Motor Hearse Owner's Association kienet konsapevoli tal-fatt li kien hemm kwota li giet stabbilita u dejjem qablet maghha u sahansitra ddefendietha. Jinghad ukoll li fl-1997, l-Awtorita kienet ikkummissjonat studju sabiex tinvestiga jekk is-suq ghal dawn it-tip ta' vetturi kellux jikber iktar mill-kwota li giet stabbilita (ara Dok. ADT 1 anness ma' din ir-risposta). Wara l-konkluzjoni ta' dan l-istudju l-Awtorita ddecidiet li ma kienx hemm skop li titbiddel il-policy fir-rigward tal-karrijiet funebri. Kienet ghal din ir-raguni li l-Awtorita irrifjutat li tillicenzja l-vetturi in kwistjoni. Awtorita tghid illi dan ir-rifjut kien wiehed legali u fil-parametri tal-ligi. L-Awtorita tirrileva ukoll li r-rikorrent kien jaf, meta importa z-zewg vetturi fl-2002, li dan is-suq kien wiehed ristrett ghal ghaxar vetturi biss f'Malta. Ir-rikorrent kien fil-passat jifforma parti mill-Motor Hearse Owner's Association u kien jopera zewg karrijiet funebri f'dan is-suq ristrett. Ghaldaqstant l-Awtorita tirrileva li hi ma kkawzat l-ebda danni lir-rikorrenti kif allegat.

3. Il-fatti msemmija fit-tielet paragrafu tar-rikors guramentat mhumiex kontestati. F'dan ir-rigward pero, l-Awtorita tghid illi l-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta iddikjara li l-ilment tar-rikorrenti kien inammissibbli minhabba l-fatt li l-Awtorita ma kinitx intrapriza ai termini tal-artikolu 2 tal-Kap. 379 u tal-artikolu 81 tat-Trattat ta' Ruma li waqqaf il-

Komunita Ewropea. Fid-decizjoni tal-5 ta' Lulju 2004, l-Kummissjoni ghall-Kummerc Gust kkonfermat id-decizjoni tal-Ufficju tal-Kompetizzjoni Gusta ta' 21 t'April 2003 u ddikkjarat li l-ilment tar-rikorrent huwa inammissibbli (Vide Dok. A anness mar-rikors guramentat).

4. Fir-rigward tar-raba paragrafu l-Awtorita ma tikkontestax il-fatt li r-rikorrent importa erba' vetturi tal-mejtin ohra godda – tnejn matul l-2006 u tnejn ohra matul l-2007. L-Awtorita irrifjuat li tillicenzja dawn il-vetturi ghar-ragunijiet esposti fil-paragrafu 2 ta' din ir-risposta.

5. L-Awtorita tichad il-fatti esposti fil-hames paragrafu tar-rikors guramentat. L-Awtorita ma agixxietx in mala fede. L-Awtorita tichad ukoll li r-rikorrent kien intitolat skond il-ligi u minhabba d-decizjoni tal-Kummissjoni tal-Kummerc Gust li jkollu l-vetturi tieghu rregistrati. Kif gie spjegat fil-paragrafu numru 3 aktar il-fuq, Il-Kummissjoni tal-Kummerc Gust ikkonkludiet li l-ilment tar-rikorrenti kien inammissibbli ghaliex l-Awtorita ma kinitx intrapriza ai termini tal-artikolu 2 tal-Kap. 379. Konsegwentement ma kien hemm l-ebda ksur tal-Kap. 379 kif kien qed jigi allegat min-naha tar-rikorrenti f'dawk il-proceduri. Fi kwalunkwe kaz dik id-decizjoni ma kellha x'taqsam xejn mal-vetturi li gew importati fl-2006 u fl-2007 u li dwarhom qed issir din il-kawza.

6. Fir-rigward tas-sitt paragrafu tar-rikors guramentat, l-Awtorita tichad li hi qatt aggixxiet b'mod illegali u dan ghar-ragunijiet suesposti.

7. Fir-rigward tal-paragrafu numru sebgha tar-rikors guramentat, l-Awtorita taqbel li r-rikorrent ressaq ilment iehor quddiem l-Ufficcju tal-Kompetizzjoni Gusta (1/2008) liema ilment gie meqjus inammissibbli minhabba l-fatt li l-Awtorita mhix intrapriza ai termini tal-Kap. 379 u wara inbdew proceduri ohra quddiem il-Kummissjoni tal-Kummerc Gust.

8. L-Awtorita ma taqbilx mal-fatti kif esposti fit-tmien paragrafu tar-rikors guramentat. L-Awtorita tirrileva li l-

vetturi gew il-licenzjati wara li f'Lulju ta' 2008, il-gvern ha ddecizjoni ji jigi liberalizzat is-suq ghall-karrijiet funebri.

9. Fir-rigward tal-paragrafi numru disgha, u ghaxra hdax, l-Awtorita tichad li hi kkawzat xi forma ta' danni lirrikorrenti u/jew li hi ghandha tirrizarcixxi xi danni allegatament sofferti mir-rikorrenti. L-Awtorita tichad ulterjorment li l-oppozizzjoni taghha li tirregistra l-vetturi kienu ngustifikati u minghajr ebda fundament legali jew fattwali.

Rat l-atti u senjatament is-sentenza in parte tal-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet premessi fejn laqghet l-eccezzjoni tal-Awtorita fis-sens illi t-talba attrici hi msejsa fuq l-artikolu 469A tal-Kap. 12 izda fuq il-mertu innifsu tal-eccezzjoni ghal dak kontenut fis-subinciz 3 tal-istess artikolu l-Qorti tal-Appell irrinvjat l-atti quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta ghal kontinwazzjoni;

Fi-seduta tal-1 ta' Lulju 2013 id-difensuri tal-partijiet qablu li ma kellhomx x'izidu bhala prova rigward il-mertu tal-eccezzjoni u ghalhekk il-kawza thalliet ghad-decizjoni fuq l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita cioe jekk l-azzjoni attrici hix perenta bit-terminu ta' sitt xhur liema terminu hu kif inhu pacifiku hu wiehed ta' dekadenza u ma jista jigi prolungat jew estiz;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet.

**Ikkunsidrat**

Il-kawza referibbilment ghad-danni allegatament sofferti mill-attur saret fl-20 ta' Ottubru 2009. il-fatti li taw lok ghal kawza huma fil-qosor li gej.

Karmenu Mifsud kien applika fl-2002 biex jirregistra zewg karrijiet tal-mejtin li importa f'Malta pero l-Awtorita irrifjutat li tirregistrahom b'ittra tas-27 ta' Mejju 2002 mibghuta lill-avukat tal-attur fejn jintqal li, l-Awtorita ma kinitx ser tohrog licenji fl-immedjat izda t-talba tal-attur kienet ser tibqa' taht konsiderazzjoni (ara fol. 36 tal-process). Ittiehdu proceduri mill-attur quddiem il-Kummissjoni ghal Kummerc Gust li ghal finijiet ta' din l-azzjoni mhix

relevanti. Dak li hu relevanti hu illi f'Mejju 2006 inhargu l-licenzji ghal dawn il-vetturi. Ma tinghata ebda raguni cara ghal dan u din il-konferma tal-hrug tal-licenzi taz-zewg vetturi tirrizulta minn ittra tal-avukat tal-attur tal-24 ta' Awwissu 2007 (fol. 121 tal-process).

Fil-fratemp pero cioe fil-21 ta' Lulju 2006, wara li nhargu l-ewwel zewg licenzji, l-attur permezz tal-avukat tieghu rega' applika biex jimporta zewg karrijiet funebri ohra (ittra a fol. 116 tal-process), liema talba giet rifjutata b'mod kategoriku b'ittra tal-Awtorita fil-25 ta' Ottubru 2006.

Fl-ittra tal-24 ta' Awwissu 2007 li ghaliha gia saret referenza aktar il-fuq, l-avukat tal-attur, f'isem l-attur talab il-hrug tal-licenzja ghal erba' karri funebri godda u mhux tnejn kif kien talab fl-ittra tal-21 ta' Lulju 2006. Dwar din l-ittra ma jirrizulta ebda risposta, la ta' rifjut u anqas ta' approvazzjoni. Jirrizulta biss mix-xiehda ta' Vince Micallef Pule ghall-Awtorita illi dawn l-erba' vetturi gew fil-fatt registrati fil-15 ta' Lulju 2008.

Tidher bhala prassi illi kull korrispondenza dwar it-talba ghal hrug tal-permessi, almenu fejn jirrigwarda l-ahhar erba' vetturi, billi dwar l-ewwell tnejn ma tirrizultax il-forma tat-talba, dejjem saret tramite l-avukat tal-attur in rapprezentanza tieghu.

Dak li jikkoncerna din il-Qorti hu biss jekk l-azzjoni fit-terminu tal-artikou 469A saritx fi zmien sitt xhur. Il-ligi fis-subartikolu 3 tghid hekk:
(3) Kawża biex twaqqa' egħmil amministrattiv taħt is-subartikolu (1)(b) għandha ssir fi żmien sitt xhur minn meta min ikollu interess isir jaf jew seta' jsir, jaf, skont liema jiġi l-ewwel, b'dak l-egħmil amministrattiv.

Tajjeb li dan l-artikolu jinqara ma' dak precedenti li jghid hekk:
(2) F'dan l-artikolu -
"egħmil amministrattiv" tfisser il-ħruġ ta' kull ordni, liċenza, permess, warrant, deċiżjoni jew ir-rifjut għal talba ta' xi persuna li jsir minn awtorità pubblika, …

Iżda, ħlief f'dawk il-każijiet fejn il-liġi tistabbilixxi perijodu li fih awtorità pubblika tenħtieġ tagħti deċiżjoni, meta ssir talba bil-miktub minn persuna li tiġi notifikata lill-awtorità u din l-awtorità tibqa' ma tagħtix deċiżjoni dwar dik it-talba, dak in-nuqqas għandu, wara xahrejn minn dik in-notifika, jikkostitwixxi rifjut għall-finijiet ta' din it-tifsira;

It-talba ghad-danni skond is-subartikolu 5 tista' tigi inkluza mat-talba ghas-sejbien ta' responsabilta pero ovvjament hi subordinata li l-kawza fl-intier taghha ssir fi zmien sitt xhur minn meta l-persuna tkun saret taf bl-ghemil amministrattiv allegatament lesiv, jew fl-istess terminu li jibda jiddekorri wara xahrejn li ssir talab notifikata lil Awtorita u ma tkunx inghatat decizjoni f'dak it-terminu.

Il-hrug tal-permessi mhux ta' ostakolu ghall-azzjoni ghax jekk ikun sehh rifjut jew nuqqas ta' risposta ghal talba ghal hrug ta' permess jew licenzja li jikkostitwixxi nuqqas ai termini tal-artikolu 469A, allura hemm id-dritt tal-azzjoni u anki risarciment ta' danni sofferti fil-perjodu sakemm inhareg il-permess.

Pero l-kaz quddiem din il-Qorti, thares mnejn thares lejh, cioe jekk kienx hemm rifjut jew fejn ma nghatatx risposta ghal talba, it-terminu ta' sitt xhur, terminu perentorju u ta' dekadenza, gie maqbuz lampantament qabel ma saret il-kawza fl-20 ta' Ottubru 2009. Jinghad biss illi l-licenzji tas-sitt vetturi kienu nhargu sa Lulju 2008 u kwindi kull rifjut ghandu jittiehed li kien f'data precedenti. Billi l-kawza saret f'Ottubru tal-2009, ma hemm ebda gustifikazzjoni legali ghaliex din l-azzjoni kellha tkun proponibbli f'dan iz-zmien la darba l-azzjoni hi mibnija fuq l-artikolu 469A kif sostniet il-Qorti tal-Appell.

**Decide**

Ghalhekk il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' l-ewwel eccezzjoni tal-Awtorita konvenuta, u tiddikjara li l-azzjoni attrici hi perenta skond l-artikolu 469A(3) tal-Kap. 12 u kwindi mhux proponibbli. Spejjez a karigu tal-attur.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------